25 ta' Settembru, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re *versus* Carmelo Rogers

**Att ta' l-Akkuża — Nullità — Sturpu Vjolent — Kwerela — Rinunzja — Axxendent — Art. 536, 538 u 583 (d) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Fl-att ta' l-akkuża għandu jkun hemm it-talba, fost oħrajn, sabiex l-akkużat jiġi kundannat għall-piena stabbilita mill-liġi; u għandu jiġi ndikat l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat.*

*Meta lill-akkużat huwa attribwit id-delitt ta' stupru vjolent bl-aggravanti ta' abbuż tal-patria potestà, ma hux null l-att ta' l-akkuża jekk, fil-waqt li l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat huwa ndikat regolarment fih, ma hix indikata d-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid meta l-proċediment relativ għal dak id-delitt jitmexxa "ex officio".*

*F'każ ta' stupru vjolent ma jistgħux isiru proċeduri kriminali ħlief fuq talba tal-parti privata, ħlief meta jsir konġunġiment karnali kontra natura. Jekk ma jkunx hemm din iċ-ċirkustanza, il-kwerela tista' tiġi ritirata mill-omm tas-suġġett passiv, li bħala axxendenti tista' tagħmel il-kwerela.*

Il-Qorti — Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni ta' l-akkużat, li biha eċċepixxa;

Fuq l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża;

Illi peress illi l-kwerela ġiet ritirata, ma hemmx lok għall-proċediment kontra l-akkużat (art. 538 tal-Kodiċi Kriminali);

Fuq it-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuża;

Illi peress li l-aggravanti ta' l-abbuż ta' patria potestà ma tinstabx regolarment dedotta fl-att ta' l-akkuża, għaliex id-dispożizzjoni relativa tal-liġi ma ġietx ċitata, u peress illi ġiet ritirata l-kwerela, ma hemmx lok għall-proċediment kontra l-akkużat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq it-tieni eċċezzjoni;

Illi skond l-art. 583 (d) tal-Kodiċi Kriminali, fl-att ta' l-akkuża għandu jkun hemm it-talba, fost oħrajn, sabiex l-akkużat jiġi kundannat għall-piena stabbilita mil-liġi, u għandu jiġi ndikat l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat;

Illi d-dispożizzjoni tal-liġi li l-akkużat jallega li ma ġietx ċitata fl-att ta' l-akkuża mhix dik li tikkontempla r-reat, imma dik li tgħid meta l-proċediment relativ għad-delitt dedott fit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuża jitmexxa "ex officio", filwaqt li l-artikolu tal-liġi li jikkontempla dak ir-reat jirriżulta regolarment dedott f'dak l-istess att ta' l-akkuża;

Ikkunsidrat;

Fuq l-ewwel akkuża;

Illi huwa veru li, skond l-art. 538 tal-Kodiċi ċitat. ma jistgħux isiru proċeduri kriminali ħlief fuq talba tal-parti privata f'każ ta' stupru vjolent, barra minn meta jsir konġunġiment karnali kontra natura; u billi ma hemmx din iċ-ċirkustanza ta' konġunġiment kontra natura, u, kif jirriżulta, il-kwerela ġiet rtirata mill-omm, u din tista' tirtiruha kif setgħet tagħmilha bħala axxendent, skond l-art. 586 tal-Kodiċi ċitat;

Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tiddikjara li ma hemmx lok għall-proċediment kontra l-akkużat għad-delitt dedott fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża;

Tiċħad it-tieni eċċezzjoni, u tordna li jitkomplu jitmexxew il-proċeduri għar-rigward tat-tieni kap ta' dak l-istess att.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Sezzjoni**
**tar-Raba' Parti**
**tal-Volum XXXV.**

---